Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali

Lulju – Settembru 2018

# Rapport ta' Ħidma Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali



Mario Fava

President

Lulju – Settembru 2018

Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali

# Contents

Introduzzjoni ........ 2
Laqgħa Plenarja – 7 ta' Lulju 2018 ........ 2
Laqgħa Plenarja Straordinarja – 27 t' Ottubru 2018 ........ 3
Laqgħat tal-Eżekuttiv ........ 5
Temi li l-Assoċjazzjoni ħadmet fuqhom ........ 6
Ħaddiema fuq skemi tal-RSSL u CWSEF li qegħdin mal-Kunsilli Lokali ........ 6
Bereġ ........ 7
Ftehim Kollettiv tal-Ħaddiema Klerikali assenjati mal-Kunsilli Lokali ........ 7
Ftehim Kollettiv tas-Segretarji Eżekuttivi ........ 7
Masters fil-Governanza (MQF 7) ........ 8
Ftehim dwar il-Bus Shelters ........ 8
Tribunali Lokali ........ 8
Ħlasijiet ta' Kontijiet ta' Dawl u Ilma fil-Kunsilli Lokali ........ 9
Local Integration Charter ........ 9
Iffirmar ta' MoU kontra r-rilaxxar tal-Bżieżaq ........ 9
Affarjiet oħra ........ 12
Attivitajiet f' għeluq il-25 sena ta' Gvern Lokali ........ 12
Seminars ........ 13
Ġbir ta' informazzjoni ........ 13
Rinovar fl-uffiċini u s-Sala tal-Assoċjazzjoni ........ 13
Ingaġġ ta' impjegati ġodda ........ 13
X' inhuma l-pjanijiet għall-aħħar tlett xhur tas-Sena 2018? ........ 14

# Rapport ta' Ħidma Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali

## Introduzzjoni

Il-President, f' isem l-Eżekuttiv Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali qiegħed jippreżenta Rapport ta' Ħidma bejn Lulju u Settembru 2018. B' refrenza għall-rapport li l-Assoċjazzjoni preżentat fix-xhur preċedenti, il-ħidma fuq it-temi msemmija kompliet, komplew id-diskussjonijiet u saħansitra l-Assoċjazzjoni waslet ukoll biex tiffirma ftehim mal-entitajiet ikkonċernati.

Minkejja x-xhur tas-Sajf, l-Assoċjazzjoni baqgħet għaddeja b' ħidma kontinwa kif ukoll b' sensiela tal-laqgħat li qed iwasslu għal aktar proċeduri stabbiliti anki fl-operat tal-Kunsilli.

---

## Laqgħa Plenarja – 7 ta' Lulju 2018

L-Assoċjazzjoni ifasslet rapport li poġġietu għad-diskussjoni waqt il-laqgħa Plenarj ali nżammet nhar is-Sibt, 7 ta' Lulju 2018. Dan id-dokument tratta s-sinerġija bejn l-Infurzar Lokali, ħruġ ta' permessi minn entitajiet diversi kif ukoll l-obbligi tal-iżviluppatur.

Il-President ħejja ir-rapport; *Sistema ta' Żvilupp li tħaress l-interessi ta' kulħadd*. Fir-rapport issemma;

- X'inhi il-proċedura biex wieħed ikun jista' jagħlaq triq sabiex jopera?
- Proposti mill-Malta Developers' Association
- X' tip ta' infurzar qiegħed isir

L-għan ta' dan ir-rapport huwa li mhux jagħti soluzzjonijiet maġiċi u lanqas iwassal għal xi deċiżjonijiet drastiċi. L-iskop hu li permezz tal-Laqgħa Plenarja u fil-preżenza ta' dawk kollha nvoluti u li ghandhom interess fis-settur, tigi provokata diskussjoni matura sabiex ikun hemm aktar sinerġija u eventwalment nifhmu li kollha għandna bżonn xulxin. Jekk nifhmu dan, allura kulħadd ikun jista' jaħdem bla xkiel filwaqt ukoll li kulħadd iħossu protett u bid-drittijiet tiegħu imħarsa.

Bir-riżultat ta' din il-laqgħa, il-President tal-Assoċjazzjoni f' isem l-AKL beda sensiela ta' laqgħat mal-Ministeri kkonċernati, mal-LESA kif ukoll mal-Puluzija.

# Laqgħa Plenarja Straordinarja – 27 t' Ottubru 2018

L-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali kienet attiva fid-diskussjonijiet li wasslu għall-tfassil ta' riforma fil-liġi għall-Gvern Lokali. L-Assoċjazzjoni dejjem żammet f'moħħha l-bidu tal-Kunsilli Lokali, is-sitwazzjoni kurrenti u x'inhi l-viżjoni 'l quddiem.

Emmnet ukoll fil-ħarsien lejn l-Awtonomija tal-Gvern Lokali, id-deċentralizzazzjoni, il-qafas legali, il-fattur ekonomiku, il-moniteraġġ tal-operat u fuq kollox l-aspettattiva taċ-ċittadin.

L-Assoċjazzjoni tirrikonoxxi l-fatt li matul dawn l-aħħar 25 sena kien hemm diversi Kunsilli Lokali li ħadmu qrib ir-resident u frott ta' dan inkisbu riżultati superjuri. Fejn kien hemm tmexxija bilgħaqal, b' kontroll fuq l-aspett finanzjarju u sensittivita' lejn il-bżonnijiet tal-lokalita', ir-riżultat kien wieħed li jiggarantixxi sinerġija u affinitivita' bejn il-lokal u r-resident.

L-Assoċjazzjoni tenfasizza wkoll li għad hemm ħafna oqsma fejn wieħed irrid jaħdem aktar; fuq is-settur ambjentali, ġbir u mmaniġjar tal-iskart kif ukoll żamma ta' indafa fil-lokalita' fost l-oħrajn.

Il-Kunsill għandu jimraħ għal inizjattivi mas-settur privat biex b'hekk ma jistriħx biss fuq l-allokazzjoni mogħtija mill-Gvern Ċentrali. Il-Kunsill għandu jifhem id-dinamika tal-irwol tiegħu u jiftaħ konsultazzjoni mar-residenti fejn minn hemm jinbtgħu ideat innovattivi. Ir-resident għandu jkun parteċipi fil-pjan ta' ħidma li jfassal il-Kunsill biex b' hekk il-moniteraġġ ikun wieħed naturali fejn ir-resident ikun f'pożizzjoni aħjar biex jikkompara dak li ġie ppjanat ma' dak li ġie attwat.

Dan kollu ma jkunx possibbli mingħajr l-importanza tal-ħidma li jwettaq it-tim tal-Moniteraġġ fid-Dipartiment għal Gvern Lokali. Din ser tkun ukoll ħidma konġunta mal-Uffiċju tal-Awditur Ġenerali.

Il-Kunsilli Reġjonali ser ikunu msaħħa kemm finanzjarjament permezz ta' allokazzjoni diretta mill-Gvern Ċentrali kif ukoll b' għotja ta' responsabbilitajiet ġodda li ser jiġu fdati lijlhom. Dawn ser ikunu jistgħu jassistu wkoll bl-aħjar mod lill-Kunsilli Lokali.

Kulħadd jifhem l-importanza li Kunsill għandu jkollu amministrazzjoni b'saħħitha, bl-aħjar ħaddiema u membri tal-Kunsill. Għaldaqstant, ser jiġi mfassal ukoll programm ta' taħriġ għall-Kunsilliera u ħaddiema biex anki jitwessa' l-għarfien ta' x' joffri l-Kunsill filwaqt li ċ-ċittadin isib quddiemu ħaddiema aktar infurmati u aġġornati bl-affarjiet kurrenti.

Irridu naraw li l-Kunsilli Lokali jimpenjaw bis-sħiħ il-ħidma tagħhom fil-qasam soċjali u li ma jħallux lir-residenti jħossuhom soċjalment esklużi. Għalhekk, il-Kunsilli Lokali ser ikunu qegħdin jagħtu prijorita' u jpoġġu liċ-ċittadin fiċ-ċentru tad-deċiżjonijiet.

- Jiġu megħjuna tfal u żgħażagħ biex jitħarġu aktar fl-edukazzjoni. Filwaqt li jingħataw aktar taħriġ akkademiku kif ukoll tekniku, dan isir permezz ta' kordinazzjoni mal-Kunsilli Reġjonali. L-irwol tar-Reġjuni ikun li jassisti lill-Kunsill biex japplika għall-fondi/skemi biex ikun jista' jsir dan it-taħriġ.
- Jiġu ddentifikati u mantnuti spazji pubbliċi ġodda. Il-Kunsill ser ikun ukoll responsabbli li jorganizza attivitajiet biex jinħoloq ambjent ta' familja fil-lokalita'.
- Tingħata kull għajnuna meħtieġa lill-anzjani u lill-persuni bi bżonnijiet speċjali. Il-Kunsill għandu jħarreġ persuni li jaħdmu mal-Kunsill li jkunu kapaċi jindirizzaw dawn il-ħtiġijiet.
- Għandha titnieda Mobile App biex il-Kunsill jersaq aktar viċin ir-resident. Dan iwassal biex l-ilmenti u s-suġġerimenti jidħlu mill-ewwel għand il-Kunsill kif ukoll għand id-Diviżjoni għall-Gvern Lokali.
- Aktar investimenti fi playingfields sabiex dawn mhux biss ikunu attrajenti imma wkoll siguri.
- Il-Kunsilli ser ikunu inċentivati sabiex waqt attivitajiet kulturali jużaw kemm jista' jkun it-talent lokali anki biex iż-żgħażagħ u nies mil-lokal ikollhom opportunijtajiet biex jesebbixxu l-kwalitajiet tagħhom.
- Ser ikun hemm ukoll għajnuna lill-Kunsilli Lokali biex ifasslu pjan ta' ħidma biex ikun hemm integrazzjoni bejn kulturi diversi li hemm fil-lokalita'.
- L-importanza u l-bżonn tal-parteċipazzjoni taċ-ċittadin. Il-Kunsilli ser ikunu qed jintalbu biex jagħmlu laqgħat mar-residenti fejn jiġu diskussi l-Estimi Finanzjarji kif ukoll il-Pjan ta' Ħidma tal-Kunsill rispettiv.

L-għan ta' din ir-riforma huwa li l-Kunsill jieħu aktar irwol ċentrali fil-ħajja tar-resident filwaqt li jkun ukoll fiċ-ċentri tas-servizzi mogħtija mill-Gvern Lokali. Dawn il-proposti flimkien mal-emendi fil-liġi ser isaħħu l-fiduċja bejn ir-resident u l-Kunsill Lokali.

L-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali ser tkun qiegħda tkompli l-ħidma tagħha fix-xhur li ġejjin fejn ser tkompli d-diskussjonijiet mal-entitajiet ikkonċernati fuq ħtiġijiet kurrenti li l-Kunsilli Lokali qed jaffaċjaw ta' kulljum fosthom; ġbir u mmaniġjar tal-iskart, permessi fuq żoni ta' żvilupp u assistenza oħra li l-Kunsilli Lokali jkollhom bżonn minn żmien għall-ieħor.

Għaldaqstant, l-Assoċjazzjoni temmen li bl-inpenn u l-ħsieb ta' kull wieħed u waħda minnkom li llkoll toffru ħidma fi ħdan il-Kunsilli Lokali, inkorporta ma' tisħieħ fl-impenn ta' kull ċittadin għadna niksbu riżultati mixtieqa kif ukoll li jissodisfaw l-aspettattivi tar-resident.

Għaldaqstant, l-Assoċjazzjoni ser tkun qed torganizza laqgħa Plenarja Straordinarja biex fiha titkompla d-diskussjoni.

## Laqgħat tal-Eżekuttiv

Bejn l-1 ta' Jannar 2018 u l-30 ta' Settembru 2018 fit-tmien legislatura inżammu tmien laqgħat datati;

| Numru tal-Laqgħa | Data tal-Laqgħa |
|---|---|
| Laqgħa Nu. 4 | 16/01/2018 |
| Laqgħa Nu. 5 | 24/01/2018 |
| Laqgħa Nu. 6 | 06/03/2018 |
| Laqgħa Nu. 7 | 19/04/2018 |
| Laqgħa Nu. 8 | 31/05/2018 |
| Laqgħa Nu. 9 | 22/06/2018 |
| Laqgħa Nu. 10 | 26/07/2018 |
| Laqgħa Nu. 11 | 27/08/2018 |
| Laqgħa Nu. 12 | 25/09/2018 |

L-attendenza għal dawn il-Laqgħat kienet hekk kif indikata;

| Eżekuttiv | Kariga | Preżenti | Assenti b' ġustifikazzjoni | Assenti |
|---|---|---|---|---|
| Mario Fava | President | 9 | 0 | 0 |
| Samuel Azzopardi | Viċi President Internazzjonali | 6 | 3 | 0 |
| Paul Farrugia | Viċi President Nazzjonali | 7 | 2 | 0 |
| Michael Fenech Adami | Membru | 7 | 2 | 0 |
| Jesmond Aquilina | Membru | 6 | 3 | 0 |
| Anthony Mifsud | Membru | 7 | 2 | 0 |
| Mark Grech | Membru | 9 | 0 | 0 |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Graziella Galea | Membru | 8 | 1 | 0 |
| Joesph Cordina | Membru | 8 | 1 | 0 |

## Temi li l-Assoċjazzjoni ħadmet fuqhom

Abbażi tas-suġġetti li l-Assoċjazzjoni iddefinixxit fil-bidu tas-Sena, il-ħidma fi ħdan l-Assoċjazzjoni kompliet biex jiġu konklużi diversi suġġetti filwaqt li nibtgħu diskussjonijiet fuq suġġetti varji.

## Ħaddiema fuq skemi tal-RSSL u CWSEF li qegħdin mal-Kunsilli Lokali

Wara l-Laqgħa tas-Sindki li kienet saret f' Diċembru 2017, l-Assoċjazzjoni għarfet li żomm id-diskussjoni għaddejja billi fetħet l-istedina għal dawk is-Sindki u Segretarji Eżekuttivi li xtaqu jkunu parti minn sotto-kumitat li flimkien ma' Chairman tal-RSSL, is-Sur Lawrence Mizzi kif ukoll mas-Sur Kenneth Cutajar, CEO District Operations kif ukoll mal-President u membri oħra tal-Eżekuttiv AKL, ġew identifikati l-problemi jew in-nuqqas ta' struttura li l-Kunsilli Lokali qed jaffaċjaw biex jimmaniġjaw lill-ħaddiema li jkunu parti minn dawn l-iskemi. Wara diversi laqgħat ġie mfassal ftehim li għandu jiġib uniformita' fl-operat kif ukoll jiggarantixxi serħan il-moħħ kemm lill-Kunsill kif ukoll lill-ħaddiem. Tagħrif dwar dan kien ingħata fil-laqgħat tal-Eżekuttiv, li l-l-minuti tagħhom ġew ċirkolati mall-Kunsilli Lokali kollha.

Għaldaqstant l-Assoċjazzjoni ser tkun qed tressaq dan il-ftehim għall-approvazzjoni tal-Kunsilli Lokali, biex l-Assoċjazzjoni tkun f' pżizzjoni li tiffirma dan il-ftehim li ser u jisaħħaħ l-operat ta' kif il-Kunsilli/ Reġjuni jimmaniġajw lill-ħaddiema assenjati magħhom li qegħdin fuq skemi.

Dawk il-Kunsilli li jaqblu miegħu, ser ikunu qed jagħtu delega lill- Assocjazzjoni sabiex tiffirma dan id-dokument f' isimhom. L-Assocjazzjoni ma tkunx tista' tintervjeni f' nuqqas ta' qbil li jista' jinqala mall-Kunsili Lokali li jew ma jattendux jew ma jiffirmawx dan il-ftehim. Il-ftehim huwa ntiż li jagħti aktar saħħa lill-Kunsilli Lokali, filwaqt li nieħdu l-massimu mill-ħin ta' dawn in-nies.

Il-Kundizzjonijiet li hemm fl-istess ftehim, huwa anki maqbul ma' Jobsplus u għaldaqstant, il-Kunsilli ser ikollhom l-appogg ukoll ta' din l-entita' f' każ ta' bżonn.

Laqgħa mas-Sindki, Membri tal-Kunsill u Segretarji Eżekuttivi ser tiġi organizzata nhar l-Erbgħa, 31 t' Ottubru 2018.

## Bereġ

L-Assoċjazzjoni, għarfet ukoll li l-funzjoni tal-Kunsill għandha tkun dejjem waħda li tqarreb lejn ir-resident, filwaqt li tassisti fis-servizzi li jiġu offruti fil-lokalita'. Wara diversi laqgħat mas-Sa. Roseanne Camilleri, CEO tas-Saħħa u l-Kura Primarja, ġie mfassal ftehim biex il-Bereġ li jkunu operati mill-Kunsilli Lokali ikunu qed joperaw fuq qafas stabbilit u dan jevita l-problemi li l-Kunsill eventwalment jista' jkollu kif ukoll jisaħħaħ is-servizz offrut. Dawn, il-Kunsilli ser ikunu mitluba jagħtu delega lill-Assocjazzjoni sabiex tkun tista' tmexxi f' isem dawk il-Kunsilli Lokali li jaqblu.

Laqgħa mas-Sindki, Membri tal-Kunsill u Segretarji Eżekuttivi ser tiġi organizzata nhar l-Erbgħa, 31 t' Ottubru 2018.

## Ftehim Kollettiv tal-Ħaddiema Klerikali assenjati mal-Kunsilli Lokali

L-Assoċjazzjoni kompliet id-diskussjonijiet tagħha mal-MIMCOL, UĦM u l-ħaddiema rappreżentanti biex flimkien mad-Direttur Ġenerali għall-Gvern Lokali jitkomplu n-negozjati sabiex jintlaħaq ftehim biex jiġi ppreżentant il-Ftehim Kollettiv il-ġdid tal-ħaddiema klerikali.

In-negozjati waslu fi stadju avvanzat u l-kumitat wasal biex jikkonkludi. L-assoċjazzjoni assistit anki fil-ġbir ta' informazzjoni minn kull Kunsill u Reġjun rigward infomrazzjoni fuq is-salarji tal-ħaddiema.

Il-laqgħat ser jitkomplew fil-ġimgħat li ġejjin.

## Ftehim Kollettiv tas-Segretarji Eżekuttivi

Bdew ukoll id-diskussjonijiet rigward il-Ftehim Kollettiv tas-Segretarji Eżekuttivi, liema diskussjonijiet għadhom fi stadju biekri.

## Masters fil-Governanza (MQF 7)

Nhar it-Tlieta, 18 ta' Settembru l-Assoċjazzjoni sejħet konferenza stampa biex flimkien ma' IDEA Malta jitneda l-program ta' studju fuq livell ta' MQF 7. B' sodisfazzjoni wieħed jista' jinnota li kien hemm konkorrenza tajba filwaqt li anki kien hemm applikanti mill-gżira Għawdxija.

L-Assoċjazzjoni flimkien ma' IDEA Malta ser tkun qed tlaqqgħa lil dawk li wrew interess kif ukoll għal min irrid aktar informazzjoni fuq is-suġġett.

## Ftehim dwar il-Bus Shelters

Wara l-ftehim li l-Assoċjazzjoni għamlet mal-kumpanija FACES, l-Assoċjazzjoni bdiet tasissti lill-Kunsilli Lokali billi tiġbor applikazzjonijiet għall-manutenzjoni ta' Bus Shelters kif ukoll instalazzjonijiet ta' Bus Shelters ġodda. Fil-fatt l-Assoċjazzjoni żiedet ir-riżorsi umani billi impjgat ħaddiem biex fost xogħol ieħor ikun jista' jassisti lill-Kunsilli u jservi wkoll bħala punt ta' referiment bejn il-Kunsilli Lokali u l-kumpanija FACES.

L-andament tas-sistema u l-proċeduri adotatti jidher li kien effettivi u sal-aħħar tas-sena jidher li ser ikun hemm 'l fuq minn 50 applikazzjoni igħal-Bus Shelters ġodda.

L-Assoċjazzjoni flimkien mal-Kumpanija FACES ser tkun qed torganizza laqgħa għas-Sindki, membri tal-Kunsilli, Segretarji Eżekuttivi u Periti bil-għajn li jiġi mnidi wkoll linji gwida ta' installazzjoni ta' Bus Shelters filwaqt li tkompli tissaħħaħ l-assistenza li l-Assoċjazzjoni qed toffri lill-Kunsilli Lokali.

Il-Laqgħa ser tiġi organizzata nhar it-Tnejn, 19 ta' Novembru 2018.

## Tribunali Lokali

Tkomplew id-diskussjonijiet fid-dawl biex jintlaħaq ftehim fuq l-ispejjeż li hemm dovuti lir-Reġjuni.

Kien hemm qbil li wara li l-ammonti preżentati mir-Reġjuni jiġu vverifikati minn awdituri indipendenti, l-LESA tħallas lura dawn l-ammonti fi tmien pagamenti fuq medda ta' sentejn.

L-irwol tal-Assoċjazzjoni kien wieħed utli biex tinġabar l-istatistika mitluba minn kull Reġjun kif ukoll li tmexxi -diskussjonijiet u l-proposti bejn il-partijiet u l-Ministeru.

## Ħlasijiet ta' Kontijiet ta' Dawl u Ilma fil-Kunsilli Lokali

L-Assoċjazzjoni tirrikonoxxi l-fatt li l-Kunsill dejjem għandu jkun aktar qrib iċ-ċittadin u joffri servizz fil-lokali. Wara diversi laqgħat l-Assoċjazzjoni waslet għall-ftehim mal-ARMS biex tidħol il-possibilita' li kontijiet tad-dawl u l-ilma jibdew jitħallsu wkoll fil-Kunsilli Lokali. L-Assoċjazzjoni ser tkun qed tagħmel l-arranġamenti neċessarji biex tara l-possibilita' li l-ammont ta' flus miġbura mill-Kunsilli Lokali jiġi kopert taħt il-polza tal-assigurazzjoni li toffri l-Assoċjazzjoni filwaqt li qed tara kuill possibilita' ta' assistenza min-naħa tal-ARMS biex dan is-servizz offrut ma jkunx ta' detterent la fuq il-Kunsilli Lokali u wisq anqas fuq il-ħaddiema.

L-Assoċjazzjoni qed tagħmel dak kollu possibbli biex dan is-servizz ikun wieħed ta' suċċess u li mhux biss li l-Kunsill jersaq aktar viċin iċ-ċittadin imma wkoll dan inkun mod ieħor ta' finanzjarjament għall-Kunsill rispettiv.

## Local Integration Charter

L-Assoċjazzjoni tifhem li waħda mill-akbar sfidi fil-lokalitajiet tagħna hija d-diversita' tal-kulturi. Wieħed jista' jara wkoll li l-loaklitajiet tagħna jista' jkun mhux dejjem qed ikunu proattivi fis-sitwazzjonijiet li qed jinqalgħu fil-lokalita' minħabba minħabba l-influss ta' barranin li qed ikunu residenti fil-lokalita' rispettiva.

Il-President f' isem l-Assoċjazzjoni beda għadd ta' diskussjonijiet mad-Dipartiment għall-Integrazzjoni fejn dawn iwrew l-interess li jaħdmu id f' id mal-Kunsilli Lokali fuq din l-isfida. Ġie diskuss Local Integration Charter propost mill-MEAE.

Dan ic-Charter iżomm l-interess tal-lokal kif ukoll mingħajr ma jitfa' aktar pressjoni fuq il-Kunsilli Lokali, jgħin biex ikun hemm aktar integrazzjoni fil-loaklita' rispettiva. Fost għajnuniet ser ikun hemm il-Community Integration Officers li xogħol ser ikun li jduru fit-toroq tal-lokal kif ukoll help desk fil-Kunsill li tasisti persuni ta' nazzjonalitajiet diversi.

Minkejja dan kollu, l-Assoċjazzjoni ħadmet biex minkejja li għandu jitħaddem dan ic-Charter dan ma jkunx ta' impożizzjoni finanzjarja fuq il-Kunsill rispettiv. Għaldaqstant HRID ser toffri r-riżorsi umani kollha li jeħtieġ li jkun hemm biex dan ic-Charter ikun jista' jitħaddem. Ser ikun hemm ukoll parteċipazzjoni fi proġett Ewropew, AMIF biex anki jassistu finanzjarjament fuq l-implimentazzjoni tal-proġett.

## Iffirmar ta' MoU kontra r-rilaxxar tal-Bżieżaq

L-assoċjazzjoni ġiet avviċinata minn Malta Clean Up biex tkun tista' tgħin f' inizjattiva sabiex titqajjem kuxjenza dwar il-ħsara fuq l-ambjent li jagħmlu l-bżieżaq meta dawn jiġu rilaxxati. L-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali għamlet ħilitha kollha biex fi żmien ftit ġranet tilħaq l-aspetattivi li minkejja l-ħidma li kienet saret minn Malta Clean Up tul dawn l-aħħar sentejn xorta ma kienux wasslu għar-riżiltati mixtieqa.

Meta wieħed jikkonsidra l-ħsara li qed issir permezz ta' dan l-użu kienet ġustifikazzjoni biżżejjed biex nemmnu li din kienet kawża ġusta u li l-Assoċjazzjoni kellha tkun parti attiva biex filwaqt li tqajjem kuxjenza, tmur ukoll pass oltre minn hekk u bdiet taħdem biex tinkoraġġixxi lill-Kunsilli Lokali biex jissieħbu f' din l-inizjattiva. Għaldaqstant ġie mħejji dokument ***L-Effett negattiv fuq l-ambjent meta jittajru l-bżieżaq*** li ġie ċċirkulat mal-Kunsilli Lokali. Id-dokument qajjem interess fost diversi Kunsilli Lokali u minnhekk l-Assoċjazzjoni ħadet l-opprotunita'  li tagħmel talba lil dawk il-Kunsilli li xtaqu jkunu attivi f' din l-inizjattiva.

Hu kkalkulat li minn tal-inqas 10% tal-bżieżaq rilaxxati ma jinfaqgħux u għaldaqstant jerġgħu jinżlu lura minfuħin. L-akbar impatt ikun fuq l-għasafar, dniefen, fkieren u kreaturi oħra marittimi. Għaldaqstant, dan  huwa eżempju ċar ta' 'littering'. B'loġika, jekk aħna narmu xi ħaġa fl-art jew barra, min jinqabad jiġi mħarrek għax qed iħammeġ. Minkejja dan, jekk intajru bużżieqa fl-arja li hi magħmulha minn plastik li dan għadnu l-istess effett ta' plastik ieħor mormi fl-art, ma jiġri xejn. Anzi nippromovu din il-prattika biex niċċelebraw!

Mod ta' kif tista' tinħoloq l-istess atmosfera mingħajr riperkusjonijiet ambjentali huwa billi jintużaw bżieżaq tas-sapun, li minnbarra li xorta joħolqu ambjent ferrieħi, dawn jispiċċaw fix-xejn fl-arja wara ftit ħin u għaldaqstant ma jħallu l-ebda impatt. Alternattiva oħra tista' tkun messaġġi ta' tifkira. Flokk wieħed jikteb messaġġi fuq bżieżaq jew inkella fanali magħmluha mill-karti, wieħed jista' juża' flixken żgħar fejn fihom, dawk prezenti jiktbu xi messaġġ għall-okkażżjoni. Aparti li huwa simbolu sabiħ dan jista' jinżamm u l-memorji miktuba tibqa' bħala tifkira. Għal kuntrarju tal-użu tal-bżieżaq u theddid ambjentali li dan iġib miegħu, wieħed jista' isebbaħ l-ambjent biex jikkommemora xi avveniment, bħal pereżempju; jitħawlu xi pjanti jew siġar. B' dan il-mod inkunu qed nagħtu xi ħaġa lura lin-natura u nikkontribbwixxu għal tisbieħ ambjentali fejn igawdi kulħadd. Dawn huma biss ftit eżempji li bihom wieħed jista' jikseb l-istess atmosfera ta' ferħ u ċelebrazzjoni mingħajr ma jinħoloq impatt negattiv fuq l-ambjent.

Il-partijiet jippromettu li ser ikunu parteċipi f' din l-inizzjattiva u ser ikunu qed jipprojbixxu l-użu tal-bżieżaq u konfetti tal-plastik waqt attiviatjiet imtella' fil-lokalita'. Għaldaqstant, il-Kunsill ma joħroġx permessi għall-attivitajiet li ser ikunu qed jagħmlu użu minn rilaxxar ta' bżieżaq u tfiħ ta' konfetti tal-plastik u l-permess joħroġ wara li jkun hemm dikjarazzjoni mill-organizzatur li mhux ser jagħmel użu minn dawn l-affarjiet imsemmija.

Il-Kunsill huwa wkoll responsabbli li jqajjem din il-kuxjenza m' għaqdiet fil-lokalita' fosthom każini tal-baned biex ikun hemm l-istess ftehim bejn kull entita' jew organizazzjoni fil-lokalita'.

Għaldaqstant, nhar il-Ġimgħa, 28 ta' Settembru 2018 ġie ffirmat ftehim bejn Malta Clena Up u l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali, f' isem il-Kunsilli li wrew ix-xewqa li jipparteċipaw.

Il-Kunslli Lokali li pparteċipaw kienu:

| | | |
|---|---|---|
| Kunsill Lokali Msida | Kunsill Lokali Birżebbuġa | Kunsill Lokali Għajnsielem |
| Kunsill Lokali Għaxaq | Kunsill Lokali Qrendi | Kunsill Lokali Balzan |
| Kunsill Lokali Marsaxlokk | Kunsill Lokali Pembroke | Kunsill Lokali Birkirkara |
| Kunsill Lokali Gzira | Kunsill Lokali Santa Venera | Kunsill Lokali Gudja |
| Kunsill Lokali Mtarfa | Kunsill Lokali Isla | Kunsill Lokali Safi |
| Kunsill Lokali Mdina | Kunsill Lokali Attard | Kunsill Lokali Klakara |
| Kunsill Lokali Mellieħa | Kunsill Lokali Sliema | Kunsill Lokali Floriana |
| Kunsill Lokali Pieta | Kunsill Lokali Ta' Xbiex | Kunsill Lokali Iklin |
| Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar | Kunsill Lokali Ħaż-Żebbuġ | Kunsill Lokali Għargħur |
| Kunsill Lokali Marsascala | Kunsill Lokali Imġarr | Kunsill Lokali Mosta |
| Kunsill Lokali Nadur | Kunsill Lokali Naxxar | Kunsill Lokali San Ġwann |
| Kunsill Lokali Swieqi | Kunsill Lokali Rabat (Għawdex) | |

## Affarjiet oħra

L-Assoċjazzjoni ħadet il-ħidma tagħha wkoll lilhinn mill-affarjiet u l-problemi kurrenti li jkunu għaddejin fil-lokalitajiet. Matul dawn l-aħħar xhur, ġie wkoll allokat ħin biex l-Assoċjazzjoni tiltaqa' ma' għadd ta' organizazzjonijiet fejn huma ta' sostenn kbir fis-soċjeta' tagħna. Għarfet ukoll li għandha tasissti lil dawn l-entitajiet biex ikun hemm aktar sinerġija bejn l-operat tagħhom u l-Kunsill Lokali.

## Attivitajiet f' għeluq il-25 sena ta' Gvern Lokali

L-Assoċjazzjoni bdiet il-ħidma tagħha biex torganizza għadd ta' inizjattivi biex jiġi kkommemorat l-25 Sena ta' Gvern Lokali. Matul l-aħħar kwart tas-Sena 2018 ser jiġu organizzati diversi attivitajiet.

- **Clean up Day**

Din ser tiġi organizzata nhar is-Sibt, 1 ta' Diċembru 2018 u ser isir tindif fiż-żona tal-Foss ta' Ħaż-Żabbar.

- **Għoti ta' Demm**

L-attivita' ser issir nhar il-Ħadd, 28 t' Ottubru 2018 fiċ-Ċentru Nazzjonali tat-Trasfużjoni tad-Demm.

- **Xogħol Volontarju mal-Caritas**

Dar Papa Franġisku ġiet identifikati bħala l-post li potenzjalment għandu bżonn li jkun hemm asisstenza min-naħa tal-Assoċjazzjoni biex isir xi tibjid u xogħol ieħor ta' tindif u preparazzjoni tal-ikel.

- **BBQ**

L-Assoċjazzjoni organizzat BBQ għal-membri tal-Kunsill u s-Segretraji Eżekuttivi nhar il-Ġimgħa, 10 t' Awwissu ġewwa l-lukanda Dolmen

- **Tħawil ta' Siġar**

Nhar il-Ħamis, 15 ta' Novembru ser isir tħawwil ta' siġar fil-Family Park f' Marsascala. L-Assoċjazzjoni ħasbet li tħawwel madwar 80 siġra li jirrapreżentaw lil :

- L-Assoċjazzjoni
- 68 Kunsill Lokali
- 5 Reġjuni
- L-ANSEK
- LESA

Minkejja dan kollu, l-Assoċjazzjoni ħadet ukoll l-opportunita' li tiltaqa' mas-sorjiet tal-Ursolini kif ukoll ma' rappreżentanti minn Djar Bjorn. Fil-jiem li ġejjin, l-Assoċjazzjoni ser tkun qed tasisti wkoll lil dawn il-fondazzjonijiet.

# Seminars

**EPPS – Kors ta' Evalwazzjoni 13/07/2018**

L-Assoċjazzjoni organizzat kors li għalih kien hemm konkorrenza tajba ta' Sindki, Viċi Sindki u Kunsilliera. L-iskop kien li bħala membri tal-Kunsill minn żmien għal żmien huma jkunu msejħa biex jagħmlu aġġudikazzjoni ta' sejħiet ta' offerti fuq is-sistema elettronika EPPS. Għaldaqstant dan is-seminar ta tgħarif lil dawk li attendew fuq il-proċess li jkun mistenni minnhom.

**Health & Saftey u l-importanza tar-Risk Assessment fil-Kunsilli Lokali**

L-Assoċjazzjoni kompliet bid-diskussjonijiet mad-Dipartiment ikkonċernat. Dan is-seminar ser ikun skedat għall-Ġimgħa, 23 ta' Novembru 2018.

# Ġbir ta' informazzjoni

Matul l-aħħar xhur l-Assoċjazzjoni kompliet tiġbor informazzjoni mingħand il-Kunsilli u entitajiet oħra skond il-ħtieġa. L-Assoċjazzjoni tat l-asisstenza tagħha f' dan il-ġbir biex anki jkunu jistgħu jittieħdu deċiżjonijiet u jiġu implimentati proċeduri.

# Rinovar fl-uffiċini u s-Sala tal-Assoċjazzjoni

Matul l-aħħar ftit ġimgħat saru diversi xogħlijiet fl-uffiċini u anki fil-binja li l-Assoċjazzjoni tokkupa ġewwa l-Marsa. Dan ix-xogħol wassal għall-ambjent aħjar kemm għall-ħaddiema kif ukoll għal dawk kollha li jżuru l-uffiċini tal-Assoċjazzjoni.

Beda wkoll ix-xogħol biex tiġi rinovata s-sala tal-Assoċjazzjoni. Fost ix-xogħlijiet li huma pjanati li jsiru hemm; tibjid, bdil tas-suffett u tal-purtieri kif ukoll materjal promozzjonali ieħor li jagħti wkoll identita' lill-Assoċjazzjoni.

# Ingaġġ ta' impjegati ġodda

Matull is-Sena 2018, l-Assoċjazzjoni tat ukoll prijorita' li ssaħħaħ l-istruttura amministrattiva. Għaldaqstant fit-Tielet Kwart tas-Sena 2018, l-Assoċjazzjoni kellha l-istruttura amministrattiva kompluta. Apparti s-Segretarju Eżekuttiv u l-Uffiċjali Eżekuttivi, l-Assoċjazzjoni impjegat ukoll Assistent Prinċipal fuq skala 11 biex apparti li jasisti fl-operat tal-Assoċjazzjoni ikun jista' wkoll iħejji xogħol preliminari għall-accountant. Għaldaqstant, l-istaff tal-Assoċjazzjoni huwa kompost minn:

- Is-Sa. Lianne Mifsud – Segretarju Eżekuttiv
- Is-Sur Ian Magro – Assistent Prinċipal
- Is-Sa. Natasha Gauci – Uffiċjali Eżekuttiv
- Is-Sur Noel Zarb – Uffiċjali Eżekuttiv

## X' inhuma l-pjanijiet għall-aħħar tlett xhur tas-Sena 2018?

L-Assoċjazzjoni ħa tkompli bil-ħidma tagħha fix-xhur li ġejjin. Fost il-pjanijiet hemm:

- Konklużjoni u ffirmar ta' Ftehim bejn l-Assoċjazzjoni, CWSEF u l-RSSL
- Konklużjoni u ffirmar ta' Ftehim bejn l-Assoċjazzjoni u d-Dipartiment tas-Saħħa u l-Kura Primarja
- Laqgħa Plenarja Straordinarja – Diskussi l-Propoti għall-riforma fil-qasam tal-Gvern Lokali
- Preżentazzjoni tal-Estimi Finanzjarji 2019
- Attivita' tal-Milied organizzata mill-Assoċjazzjoni
- Parteċipazzjoni fl-inizjattiva Pink October
- Team Building Event għall-ħddiema tal-Assoċjazzjoni u ħaddiema oħra li jaħdmu fl-istess blokka ta' uffiċini
- Health and Safety Seminar
- Laqgħa mal-Membri tal-Kusill, Segretarji Eżekuttivi u Periti rigward il-Bus Shelters
- Aktar parteċipazzjoni fi proġetti Ewropej
- Jiġu konklużi l-attivitajiet tal-25 Sena Anniversarju ta' Gvern Lokali
- Jitlesta x-xogħol ta' rinovar fis-sala tal-Assoċjazzjoni
- Jitlesta l-arkivji tad-dokumenti tal-Assoċjazzjoni

Minkejja l-impennji li l-Assoċjazzjoni diġa għandha pjanati, hija dejjem tkun flessibbli u effettiva għall-ħtiġijiet li jinqalgħu u assistenza li tiġi mitlubha minnha minn żmien għal żmien.

Mario Fava

President